MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## NADIA H. VELLA

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2013

Talba Numru. 367/2013

**Mobisle Communications Limited C-24655**

**vs.**

**Graziella Garzia K.I. 136584(M)**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi li permezz tiegħu is-soċjeta′ attriċi talbet il-ħlas mingħand il-konvenuta tas-somma ta’ elf, tmien mija u tmienja u ħamsin Ewro u wieħed u ħamsin ċenteżmu (€1,858.51), in konnessjoni ma’ Laptop Connect bl-akkont numru *A/C51095788* u li jinkludi HP Compaq 610 u internet key Bandluxe C270 u dan skont kuntratt tat-23 ta’ Lulju 2010;

Illi s-somma ta’ elf, tmien mija u tmienja u ħamsin Ewro u wieħed u ħamsin ċenteżmu (€1,858.51) fuq indikata hija komposta minn sitt mija u tnejn Ewro u wieħed u disgħin ċenteżmu (€602.91) dovuti in konnessjoni mas-servizz, flimkien ma’ elf mitejn ħamsa u ħamsin Ewro u sittin ċenteżmu (€1255.60) dovuti bħala penali;

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenuta ġiet debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, hija ma kkontestatx il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma dehret għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta′ attriċi u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta′ attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta tħallas lis-soċjeta′ attriċi is-somma ta’ elf, tmien mija u tmienja u ħamsin Ewro u wieħed u ħamsin ċenteżmu (€1,858.51), bl-imgħax legali dekorribbli mid-data tal-ittra uffiċċjali fl-ismijiet premessi ppreżentata fis-27 ta’ Settembru 2012 u numerata 2107/12, sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjeż, inkluż tal-ittra uffiċċjali ċitata, huma a kariku tal-konvenuta.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------